xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 72(1) ta' din id-direttiva;

— tikkundanna lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, skont l-Artikolu 260(3) TFUE, għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità ta' EUR 57 324,80 kuljum, mid-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża preżenti;

— tikkundanna lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE skada fil-21 ta' Awwissu 2011.

([1]) ĠU L 216, p. 7.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Förvaltningsrätten i Linköping (l-Isvezja) fis-6 ta' Diċembru 2012 — Ålands Vindkraft AB vs Energimyndigheten**

**(Kawża C-573/12)**

(2013/C 38/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

**Qorti tar-rinviju**

Förvaltningsrätten i Linköping

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ålands Vindkraft AB

*Konvenuta:* Energimyndigheten

**Domandi preliminari**

(1) Is-sistema Svediża dwar iċ-ċertifikat tal-elettriku hija skema ta' appoġġ nazzjonali li teħtieġ li l-fornituri tal-elettriku u li ċerti utenti tal-elettriku fl-Istat Membru jixtru ċertifikat tal-elettriku, li jikkorrispondi għal sehem partikolari mill-bejgħ jew mill-użu tagħhom, mingħajr il-ħtieġa speċifika li jinxtara l-elettriku mill-istess sors. Iċ-ċertifikat tal-elettriku jinħareġ mill-Istat Svediż u jservi ta' prova li ġie prodott ċertu ammont ta' elettriku li jiġġedded. Il-produtturi tal-elettriku miksub minn sorsi li jiġġeddu jirċievu, permezz tal-bejgħ taċ-ċertifikat tal-elettriku, qligħ żejjed bħala dħul addizzjonali mill-produzzjoni tal-elettriku tagħhom. L-Artikolu 2(k) u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jippermettu lil Stat Membru li japplika skema ta' appoġġ nazzjonali bħal dik imsemmija iktar 'il fuq, li permezz tagħha huma biss il-produtturi li jinsabu fit-territorju ta' dak l-Istat li jistgħu jipparteċipaw u li r-riżultat tagħha huwa li dawn il-produtturi għandhom vantaġġ ekonomiku fuq il-produtturi li ma jistgħux jiksbu ċertifikat tal-elettriku?

(2) Sistema bħal dik deskritta fl-ewwel domanda — fid-dawl tal-Artikolu 34 [TFUE] — tista' titqies bħala li tikkostitwixxi restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni jew bħala miżura li għandha effetti ekwiwalenti?

(3) Fil-każ li r-risposta għat-tieni domanda hija fl-affermattiv, tista' sistema tkun kompatibbli mal-Artikolu 34 [TFUE] fir-rigward tal-għan li tiġi ppromovuta l-produzzjoni tal-elettriku minn soris ta' enerġija li jiġġeddu?

(4) Kif inhuma affettwati l-kunsiderazzjonijiet għad-domandi preċedenti mill-fatt li r-restrizzjoni li l-iskema ta' appoġġ tinkludi biss produtturi nazzjonali ma hijiex espressament irregolata mil-liġi nazzjonali?

([1]) ĠU L 140, p. 16.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administratīvā apgabaltiesa (il-Latvja) fis-7 ta' Diċembru 2012 — AS "Air Baltic Corporation" vs Valsts robežsardze**

**(Kawża C-575/12)**

(2013/C 38/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

**Qorti tar-rinviju**

Administratīvā apgabaltiesa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* AS «Air Baltic Corporation»

*Konvenut:* Valsts robežsardze

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dħul ta' ċittadin ta' pajjiż terz huwa suġġett b'mod obbligatorju għall-kundizzjoni minn qabel tal-eżistenza ta' viża valida inkluża f'dokument tal-ivvjaġġar validu?